# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 59/2014 JPG**

**Elvin Grech**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur Elvin Grech minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-23 ta' Ottubru 2015 li ċaħdet talba tiegħu għal dikjar-azzjoni li nkisru d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”], u għal rimedju xieraq. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. L-attur kien mixli bi tliet reati ta’ falzifikazzjoni u talli xjentement għamel użu minn dokument iffalzifikat. B’sentenza tal-21 ta’ Marzu 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Elvin Grech il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabitu ħati ta’ waħda minn dawn l-akkużi miġjuba kontrieh u ikkundannatu għal piena ta’ ħames xhur priġunerija sospiża għal sentejn. Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza tal-25 ta’ April 2014.

3. L-attur igħid illi qabel tressaq il-qorti kien ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma tħalla jieħu l-parir ta’ avukat u waqt l-interrogazzjoni għamel tliet stqarrijiet, li kemm il-Qorti tal-Maġistrati u kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali straħu fuqhom għas-sejbien ta’ ħtija. Iċ-ċaħda tal-għajnuna ta’ avukat waqt illi ttieħdu dawn l-istqarrijiet kienet, fil-fehma tal-attur, bi ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 3 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk fetaħ din il-kawża tallum biex jikseb dikjarazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tiegħu u biex jingħata rimedju xieraq.

4. Bis-sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2015 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Mill-provi li jirriżultaw mill-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali miġjuba kontra r-rikorrenti, din il-qorti rat illi l-istess rikorrenti ġie mixli fl-20 ta' Frar 2007, meta allura r-rikorrenti kellu disgħa u għoxrin sena, b'akkużi ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti falsifikati. Jirriżulta illi l-falsifikazzjoni tad-dokument meritu tal-akkużi kienet saret b'mezzi eletroniċi *cioè* permezz ta' *scanning*. Il-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu 2013, jidher illi għamlet referenza għal diversi xhieda u serrħet is-sentenza tagħha fuq ix-xiehda tal-Ispettur Gafà, l-uffiċċjal investigattiv u prosekutur, ix-xiehda tal-*Engineer* Ronald Vella (l-parti ċivili), ix-xiehda ta' Philip Psaila, ko-impjegat tar-rikorrenti Grech mal-*Gozo Football Association*, l-espert tas-*cyber crime unit*, l-espert tal-kaligrafija Dr Juliana Sċerri Ferrante għall-eżami tal-veraċità *o meno* tal-firma tal-*Engineer* Ronald Vella (liema espert ikkonkludiet li l-firma meritu tal-allegazzjoni ta' falsità kienet nieqsa minn kull pressjoni kaligrafika tal-awtur tagħha u li tali firma kienet sempliċiment ikkupjata b'mezzi elettroniċi), u xiehda ta' Dr Martin Bajada espert tat-teknologija informatika li fir-relazzjoni tiegħu ikkonferma li l-firma ta' *Engineer* Vella kienet riżultat ta' *cut and paste* minn dokument ieħor li ġie kkupjat permezz ta' *scanner* u ipprintjat minn *inkjet printer*.

»Elvin Grech tul l-investigazzjoni rrelaxxa tliet stqarriji: l-ewwel stqarrija tat-3 ta' Marzu 2007; it-tieni stqarrija fl-4 ta' Marzu 2007 fil-9:35 *a.m.*; u t-tielet stqarrija fl-4 ta' Marzu 2007 fil-15:16.

»F'dawn it-tliet stqarriji Elvin Grech ma kienx assistit mill-avukat difensur tiegħu. Jirriżulta però illi Elvin Grech kien kellem lil Dr Joseph Grech qabel ma rrelaxxa l-ewwel stqarrija u kien kellem lil Dr Anton Refalo qabel ir-relaxx tat-tieni stqarrija.

»L-istqarriji ta' Elvin Grech jikkontjenu ċaħda kategorika ta' kull akkuża ta' falsità ta' dokumenti jew t'użu ta' dokumenti magħrufa li kienu foloz.

»L-istess ċaħda ġiet imtennija mir-rikorrenti Elvin Grech fix-xiehda *viva voce* tiegħu quddiem dik il-Qorti tal-Maġistrati kif jidher mit-testimonjanza tiegħu … … … Din iċ-ċaħda kienet testendi wkoll għall-allegat fatt li Elvin Grech sostna li hu ma kienx jaf juża l-*iscanner* li kien hemm fl-uffiċċju, minkejja illi rriżulta mill-provi li Elvin Grech kellu Baċelorat fl-*IT* fil-*programming* … … …

»Illi *di più* jirriżulta illi mix-xiehda tal-istess Elvin Grech li huwa kien juża *ink jet printer* fl-uffiċċju tiegħu, waqt li l-ko-impjegat tiegħu kellu *laser printer … … …*

»Imkien fix-xiehda … … … fl-atti tal-proċeduri kriminali annessi ma jirriżulta li Elvin Grech kien persuna vulnerabbli, jew li kien taħt l-età. Lanqas ma jirriżulta illi Grech għamel xi lment dwar il-volontarjetà *o meno* tal-isqarrijiet tiegħu jew li tefa' xi dell li dawn ittieħdu permezz ta' tehdid, pressjoni mhux flokha jew wegħdi ta' vantaġġi. Lanqas ma għamel xi lment fis-sens li ma ġiex mogħti

l-*caution* li għandu d-dritt ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkrimnawh, u li dak li se jgħid jista' jinġieb bħala prova kontra tiegħu.

»Bħala stat ta' fatt il-partijiet jaqblu illi fit-3 u fl-4 ta' Marzu meta ttieħdu l-isqarriji tar-rikorrenti Grech huwa fil-fatt ma kienx assistit mill-avukat difensur tiegħu.

»Dawn il-fatturi kollha huma fost il-fatti stabbiliti u l-prinċipji legali illi fuqhom ġiet ankrata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Marzu 2013 … … … u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri deċiża fil-25 t'April 2014 … … …

»Ikkonsidrat:

»Ir-rikjesta illi għandha quddiemha din il-qorti hija talba għar-rimedju effettivi *stante* li n-nuqqas t'assistenza legali waqt il-ħin tal-arrest illeda d-drittjiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [u] artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

»… … …

»Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat diversi pronunzja-menti dwar l-assistenza legali fl-ambitu għad-dritt ta' *fair trial*. … … …

»… … … skont il-Qorti Ewropea, ir-regola hija li akkużat għandu jkollu aċċess għall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni. Huwa biss eċċezzjonalment li d-dritt għall-avukat jista' jiġi ristrett, iżda anke f'dak il-każ il-qorti trid teżamina jekk kemm-il darba d-dritt tal-akkużat għal *fair trial*, fit-totalità tiegħu, ġiex preġudikat.

»… … …

»Il-qorti rat u eżaminat il-ġurisprudenza aktar riċenti tal-Qorti Ewropea fejn *"a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions"* ġie kostatat bħala suffiċjenti għas-sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenz-joni Ewropea (Vide Boz v. Turkey 9.02.2010, u Dayanan v. Turkey 13.10.2009).

»Ikkonsidrat:

»Fil-każ in eżami m'hemmx kontestazzjoni li għal kuntrarju ta' ċirkostanzi stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fuq ċitata, fil-kaz in eżami, l-istqarriji ta' Elvin Grech ċertament ma kinux l-uniku prova li kellha l-prosekuzzjoni kontra r-rikorrenti. Għal kuntrarju, il-Qorti tal-Maġistrati mhux biss semgħet iżda straħet fuq numru konsiderevoli ta' xhieda u b'mod speċjali straħet fuq ix-xiehda forensika provduta mill-espert tal-kaligrafija, mill-espert *IT*, mill-fatt ewlieni li kien ir-rikorrenti li kellu *ink jet printer,* li r-rikorrenti kellu Baċellorat fil-programmar tat-teknologija tal-informatika, *eppure* ddikjara bil-ġurament li ma kienx jaf juża *scanner*.

»Illi *di più* l-qorti tagħraf iċ-ċirkostanzi fil-kawza Salduz *v.* Turkey, fuq ċitat, kienu ben diversi mill-każ in eżami. L-akkużat f'dawk il-proċeduri kien minorenni meta tteħditlu stqarrija fl-assenza tal-avukat, u kien għamel allegazzjoni ta' koerzjoni da parti tal-pulizija. Fil-każ in eżami fid-data tat-teħid tal-isqarriji u *cioè* 3 u 4 ta' Marzu 2007 Elvin Grech kien adult ta' disgħa u għoxrin sena, u ma hemm ebda xrara t'evidenza li kien hemm pressjoni mhux f'lokha da parti tal-pulizija fit-teħid tal-istess. Illi *di più* din il-qorti tagħraf illi rikorrenti Grech għażel li jagħti x-xiehda *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u f'ebda ħin ma għamel xi alleg-azzjoni fuq il-pulizija quddiem dik il-qorti. *Di più* ma jistax ma jsirx aċċenn għal-fatt illi fil-każ ta' Salduz l-isqarrija relaxxata mill-akkużat minorenni fl-assenza tal-avukat tiegħu kienet ammiss-joni pjena tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u l-unika xiehda fil-proċess kriminali tiegħu. Fil-każ in eżami t-tliet stqarriji lamentati huma ċaħda kategorika tal-akkużi kollha.

»Illi għaldaqstant u fuq il-linji gwida ta' Imbroscia *v.* Switzerland, Salduz *v.* Turkey u Plonka *v.* Polonja sabiex jiġi determinat kemm-il darba l-iskop tal-arikolu 6 għas-smigħ xieraq intlaħaqx, il-ġudikant għandu janalizza l-proċeduri kriminali domestiċi fl-interità tagħhom. Dan l-insenjament tal-Qorti Ewropea ġie akkoljat [*sic*] f'diversi sentenzi tal-qrati Maltin.

»Illi l-qorti għaldaqstant, wara li eżaminat il-proċeduri kriminali ta' Elvin Grech fl-interità taghhom, hi tal-fehma illi ma hemmx leżjoni tad-dritt ta' smigh xieraq kif sanċit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minkejja li huwa ma ngħatax l-assistenza legali.«

5. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-12 ta' Novembru 2015 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fil-25 ta' Novembru 2015.

6. Essenzjalment l-aggravju tal-attur huwa msejjes fuq il-ġuris-prudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi dan l-aħħar, u aktar espliċitament fil-każ ta' Borg *v.* Malta[1], jidher li ħadet il-posizzjoni li ċ-ċaħda tal-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel it-teħid ta' stqarrija hija, għalhekk biss, ksur tal-art. 6 tal-

1 Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

Konvenzjoni, għalkemm fil-każ preċedenti ta Salduz *v.* it-Turkija[2] l-istess qorti ma kenitx adottat il-posizzjoni li ried wieħed mill-imħallfin tagħha f'*concurring opinion* illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat jitqies *ipso facto* u għalhekk biss ksur tal-artikolu 6. Ta' min ngħidu wkoll illi f'każ ieħor riċenti, dak ta' Dimech *v.* Malta[3], il-qorti tenniet il-fehma tagħha li biex tara kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess sħiħ – "*the proceedings as a whole*" – u mhux biss episodju wieħed, sakemm dan ma jkunx hekk gravi li minnufih jippreġudika s-smigħ xieraq.

7. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[4] u sentenzi oħra mogħtija wara – u li fuqha mxiet l-ewwel qorti – hija interpretazzjoni korretta, ma jkunx għaqli li tkompli tinsisti fuq din l-interpretazzjoni tal-art. 6 tal-Konvenzjoni fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u wkoll għar-raġunijiet minnha imfissra f'sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2016 fil-każ ta' Daniel Alexander Holmes *v.* Avukat Ġenerali *et*.

8. Madankollu, il-qorti tara illi l-premessa ta' fatt li fuqha jsejjes l-argument tiegħu l-attur, *viz.* illi kien imċaħħad mill-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni, hija nieqsa f'dan il-każ.

---

[2] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rik. 36391.02.

[3] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik

[4] Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

Kif irriżulta wkoll quddiem l-ewwel qorti – għalkemm għal xi raġuni l-ewwel qorti ma tatx l-importanza xierqa lil dan il-fatt – l-attur kellu għajnuna ta' avukat qabel ma għamel l-istqarrijiet meta kien ġà jaf fuq xiex riedu jkellmuh il-pulizija[5]. Jingħad fis-sentenza appellata:

> »F'dawn it-tliet stqarriji[iet] Elvin Grech ma kienx assistit mill-avukat difensur tiegħu. Jirriżulta però illi Elvin Grech kien kellem lil Dr Joseph Grech qabel ma rrelaxxa l-ewwel stqarrija u kien kellem lil Dr Anton Refalo qabel ir-relaxx tat-tieni stqarrija.«

9. L-attur iżda qiegħed jilmenta li ma kellux l-għajnuna ta' avukat *waqt* it-teħid tal-istqarrijiet. F'dan il-kuntest il-Qorti Ewropea fil-każ fuq imsemmi ta' <u>Salduz</u> kienet osservat illi:

> »51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial.«

10. Fil-każ tallum, għalkemm il-liġi fiż-żmien relevanti ma kinitx tagħti dritt għall-għajnuna ta' avukat, bħala fatt l-attur kellem mhux avukat wieħed iżda tnejn qabel ma għamel l-ewwel stqarrija u bejn stqarrija u oħra. Il-fatt li l-avukat ma kienx miegħu waqt li qiegħed jagħmel l-istqarrija kien forsi jkollu relevanza li kieku l-attur ma kienx jaf fuq xiex kien sejjer jiġi interrogat u għalhekk ma kienx jaf fuq xiex kellu jieħu parir; fil-każ tallum iżda l-attur

---

[5] Ara *foll.* 25 *et seq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

kien jaf li l-pulizija riedu jkellmuh dwar falzifikazzjoni tal-firma tal-Inġinier Vella fuq dokument li l-attur kien jaf bih u kien rah qabel. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jistax jingħad illi l-attur ma kellux fakoltà jieħu l-parir ta' avukat fuq materja speċifika qabel ma jagħmel l-istqarrijiet; fil-fatt ħa dak il-parir, mhux darba iżda darbtejn.

11. Billi għalhekk ma hemmx il-premessa ta' fatt li fuqha l-attur isejjes l-argument tiegħu, qalet sew l-ewwel qorti – għalkemm għal raġunijiet oħra – illi l-attur ma ġarrab ebda ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

13. L-ispejjeż tal-appell iħallashom kollha l-attur.

Giannino Caruana Demajo
Aġent President

Tonio Mallia
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
df